IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-26 ta’ Mejju, 2026

Rikors numru: BCT/82/2025 CV

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Henry **Abela**

vs

Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors t'appell ippreżentat minn Henry Abela nhar it-18 ta' Lulju, 2025, kontra d-deċiżjoni tal-Kumitat għal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni li rrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' kuntrattur tad-demolizzjoni. L-appellant formalment irċieva l-konferma uffiċjali tar-rifjut permezz ta' ittra rreġistrata datata 20 ta' Ottubru, 2025, fejn ġie infurmat li l-applikazzjoni ma kinitx kompluta minħabba nuqqas ta' dokumenti li juru kompetenza u evidenza ta' mill-inqas tliet (3) snin esperjenza, b'referenza ta' mill-anqas żewġ (2) proġetti kompluti relatati mas-sengħa soġġetta għall-applikazzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ li permezz tagħha eċċepixxiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe

deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi apparti dak indikat fil-ligi sabiex applikant jkun jista' jitqies li huwa eliġibbli, wiehed wkoll jrid juri li huwa kompetenti fl-aspetti li jkun qiegħed japplika għalija;

3. Illi fil-każ partikolari indipendentement fl-interpretazzjoni tal-liġi, jibqa' bħala fatt li ġew sottomessi dokumenti li ma kienux relevanti u kwindi il-Kumitat ma kienx f'pożizzjoni li jkun jista' jevalwa kif suppost;

4. Illi umilment qieghed jkun sottomess li l-kwistjoni hija verament sempliċi u cioe' li -appellanti issottometta d-dikjarazzjoni vbaljata, eżattament minflok ir-registra id-dikjarazzjoni rigwardanti ddemolizzjoni, dahhal dik li tiddikjara esperjenza bil-kostruzzjoni (bini);

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet.

Ra li l-appell odjern ġie differit għas-sentenza għal-llum.

Ikkunsidra

L-ilment ewlieni tal-appellant fil-proċeduri odjerni huwa li l-Kumitat għall-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni talab dokumentazzjoni u prova ta' proġetti li mhumiex meħtieġa mil-liġi. L-appellant jargumenta li d-dispożizzjonijiet taħt it-Tieni Skeda ta' L.S. 623.09 huma alternattivi. Peress li huwa jinsab fil-pussess ta' liċenzja ta' bennej (Mason's Licence) valida flimkien ma' aktar minn tliet snin esperjenza fis-sengħa tal-bini, huwa jissodisfa r-rekwiżit speċifiku taħt paragrafu (a)(iii) tal-imsemmija Skeda. Fid-dawl ta' dan l-appellant jargumenta li għaldaqstant, m'għandux bżonn jipprovdi referenzi ta' żewġ proġetti speċifiċi ta' demolizzjoni bħal min m'għandux liċenzja ta' bennej. Sostna li l-Awtorità qed toħloq rekwiżiti oneruż ultra vires u qed tikser l-aspettattivi leġittimi tiegħu.

Min naħa l-oħra l-Awtorita' intimata, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, targumenta illi hemm distinzjoni netta bejn x'inhu meħtieġ bħala kriterju ta' eliġibbiltà u x'inhu meħtieġ bħala prova ta' kompetenza. L-Awtorita' tagħmel referenza għal Skeda Ċ tal-istess regolamenti li tobbliga lill-applikant li juri b'mod sħiħ il-kompetenza tiegħu fil-qasam speċifiku li qed japplika għalih (f'dan il-każ, id-demolizzjoni)[1]. L-Awtorita' tkompli billi tgħid li l-Kumitat għandu d-diskrezzjoni sħiħa u d-dmir li janalizza l-kredenzjali u jitlob id-dokumentazzjoni relatata sabiex jiżgura s-serjetà u s-sigurtà fl-industrija.

Ikkunsidra

It-Tribunal jibda biex jinnota li r-raġuni ta' rifjut kif indikata mill-Kumitat kienet propju minħabba n-nuqqas ta' evidenza ta' minn tal-anqas tlett snin esperjenza. Minkejja li l-Awtorita', fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ssostni li l-appellant ma ssodisfax ir-rekwiżiti neċessarji għall-kompetenza ta' kuntrattur tad-demolizzjoni, l-Avviż li permezz tiegħu ġiet rifjutata l-applikazzjoni tal-appellant jagħmilha ċara li l-bażi tar-rifjut kienet in-nuqqas ta' evidenza ta' minn tal-anqas tlett snin esperjenza b'referenza ta' mill-anqas żewġ proġetti kompluti. Fl-ebda punt ma ntqal, jew nġiebet prova li l-appellant m'għandux kompetenza jagħmel xogħol ta' demolizzjoni jew iżarma

[1] In-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' tagħmel referenza għar-rekwiżiti meħtieġa għall-kompetenza għall-liċenzja ta' Kuntrattur tal-Kostruzzjoni, li t-Tribunal jifhem li kien żball u kellha ssir referenza għall-liċenzja tad-demolizzjoni

elementi strutturali jew kwalunkwe xogħol ieħor imsemmi fit-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09. In vista' ta' dan it-Tribunal iqis li l-Kumitat wasal għad-deċiżjoni tar-rifjut propju minħabba li l-appellant ma kienx eliġibbli u mhux għab-bażi ta' kompetenza.

Dan kollu meqjus, il-pern ta' din il-kwistjoni jdur mal-interpretazzjoni tat-Tieni Skeda ta' L.S. 623.09 rigward ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' kuntrattur tad-demolizzjoni. L-appellant qed isostni li r-rekwiżit ta' "liċenzja ta' bennej b'mill-anqas tliet snin esperjenza" taħt sub-paragrafu (a)(iii) huwa biżżejjed minnu nnifsu, mingħajr il-bżonn li jipprovdi referenzi ta' żewġ proġetti speċifiċi ta' demolizzjoni.

It-Tribunal jaqbel mal-analiżi legali tal-appellant li t-Tieni Skeda tistabbilixxi kriterji li huma **alternattivi** għal xulxin sabiex persuna tkun eliġibbli li tinstema' u tiġi evalwata l-applikazzjoni tagħha. Persuna li għandha liċenzja ta' bennej u tliet snin esperjenza fis-sengħa tal-bini tgħaddi mill-ewwel għarbiel u ma tistax tiġi skwalifikata awtomatikament fuq bażi ta' eliġibbiltà sempliċement għax ma jkollhiex id-dokumenti elenkati f'sub-paragrafi (a)(i) jew (a)(ii).

Madanakollu, it-Tribunal irid jagħmel enfasi qawwija fuq id-distinzjoni fundamentali li l-Awtorità ġustament qajmet fin-nota tagħha u u ċioe' li l-eliġibbiltà m'hijiex l-uniku għarbiel li wieħed għandu jissodisfa. Wara l-eżami tal-eliġibbilita', il-Kumitat huwa mistenni li jgħaddi għall-għarbiel soġġettiv tal-kompetenza sabiex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi aċċettata. Il-leġiżlatur, permezz tar-riforma fl-industrija tal-kostruzzjoni, ried jiżgura aktar serjetà, responsabbiltà u kontabilità fl-operat tal-kuntratturi kollha. Biex jiġi rreġistrat kuntrattur u jingħata d-dritt li jwettaq xogħol tant delikat u perikoluż bħad-demolizzjoni, mhux biżżejjed li l-applikant ikun legalment kwalifikat biex jitfa' l-applikazzjoni (eliġibbiltà), iżda l-Kumitat għandu id-dmir u d-diskrezzjoni sħiħa li jgħarbel jekk l-applikant għandux il-kompetenza u l-esperjenza prattika u reali f'dak is-settur partikolari.

Il-Kumitat tal-Liċenzjar ma jistax japprova bl-addoċċ liċenzja ta' demolizzjoni lil persuna li l-esperjenza kollha tagħha dokumentata fl-applikazzjoni oriġinali kienet tittratta biss bini u kostruzzjoni ġdida, mingħajr ebda prova ta' xogħol prattiku ta' twaqqiegħ, li fih innifsu jġorr riskji u metodoloġiji kompletament differenti. Iżda fil-każ odjern jidher li l-Kumitat lanqas wasal sa dak l-istadju u għadda sabiex jiċħad l-applikazzjoni fuq nuqqas ta' eliġibbilita'. Dan ma kellhux ikun.

It-Tribunal jinnota li l-appellant ma preżentax prova tal-liċenzja li huwa għandu ta’ bennej u minkejja li jgħid dan b’mod ripetut it-Tribunal ma jistax jgħaddi sabiex jikkonferma li l-appellant għandu jiġi meqjus bħala eliġibbli mill-Kumitat. Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex filwaqt li jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kumitat, jordna lill-istess Kumitat sabiex jevalwa mill-ġdid l-eliġibbilita’ tal-appellant u f’każ li tiġi preżentata liċenzja ta’ bennej b’minn tal-anqas tliett (3) esperjenza fis-sengħa tal-bini, jgħaddi imbagħad sabiex iqis il-kompetenza tal-appellant.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-appell billi:

1. Jilqa' l-appell tal-appellant fil-limiti hawn fuq spjegati, u konsegwentement iħassar id-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kumitat għal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni tal-20 ta' Ottubru, 2025.

2. Jordna li l-applikazzjoni (Ref. HA 9612) tal-appellant Henry Abela tiġi rritornata lill-Kumitat għal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni fi ħdan l-Awtorità intimata, sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data ta’ din id-deċiżjoni, l-istess Kumitat jgħaddi biex jevalwa mill-ġdid l-eliġibbilita’ tal-appellant wara li jqis il-liċenzja ta’ bennej preżentata u f’każ li din tkun valida skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.09, jgħaddi sabiex jevalwa l-kompetenza tal-appellant fid-demolizzjoni.

Avukat Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan Psaila**
Chairperson	Membru	Membru